MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## EDWINA GRIMA

Seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2015

Appell Civili Numru. 230/2007/2

**TIZIANA TABONE**

**Vs**

**SANDRO GRIXTI u BUZ DOV LIMITED u b'digriet datat l-14 ta' Mejju 2008 giet kjamata in kawza s-socjeta Nigel Limited.**

Il-Qorti,

Rat is-sentenza tat-22 ta' Ottubru 2012, fejn il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

*"Il-Qorti:-*

*Rat ir-rikors fuq indikat datat 25 ta' Lulju tas-sena 2007, li permezz tieghu r-rikorrenti Tiziana Tabone sejhet lill-intimati msemmija quddiem din il-Qorti sabiex flimkien jew min minnhom, jghidu ghaliex m'ghandhomx:*

*1. Jghaddu ghal likwidazzjoni u hlas ta' danni sofferti mir-rikorrenti in segwitu ghall-incident li gara fl-4 ta' Gunju 2007 gewwa Bahar ic-Caghaq, Garage Numru 12, "Il-Luzzu", Mina numru 19, Triq is-Sikka, meta minhabba traskuragni, negligenza, nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, ir-rikorrenti sofriet hsara fi hwejjigha minhabba l-perkolazzjoni ta' kwantita` kbira ta' ilma fil-fond residenzjali taghha fuq imsemmi, u dan, prevja jekk hemm bzonn, id-dikjarazzjoni li ghall-hsara msemmija kienu unikament responsabbli l-intimati fuq indikati jew min minnhom;*

*2. Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra nterpellatorja tat-18 ta' Gunju tas-sena 2007, kif ukoll tar-rapport maghmul mill-espert Peter Bonello tad-9 ta' Gunju tas-sena 2007, hawn anness u mmarkat Dokument A, u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv;*

*3. Illi l-intimati huma ingunti ghas-subizzjoni;*

*4. Illi ghal fini ta' kompetenza gie dikjarat illi d-danni sofferti mir-rikorrenti ma jeccedux is-somma ta' elfejn Lira Maltin, (LM2,000.00);*

*Rat ir-risposta ta' l-intimat Grixti datata t-28 t'Awwissu, tas-sena 2007 li permezz taghha rrisponda billi qal:*

*1. Illi preliminarjament l-esponent Grixti ma huwiex il-legittimu kontradittur u ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante illi s-socjeta` gestita minnu u terzi qed taghmel xoghlijiet ta' kostruzzjoni fil-lok vicin il-propjeta` tar-rikorrenti;*

*2. Illi preliminarjament l-inkompetenza ta' din il-Qorti rationae valoris;*

*3. Illi fil-mertu, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez, stante illi l-hsarat allegatament subiti mir-rikorrenti kienu kawza ta' forza magguri;*

*4. Illi, wkoll minghajr pregudizzju ghal dak gia espost, l-akkadut mertu ta' din il-kontensjoni ma huwiex imputabbli lill-esponenti izda lil terzi;*

*5. Illi l-esponent ma ghandux jigi kkundannat jekk ikun il-kaz, ihallas imghax fuq somma li tista' u ghad trid tigi likwidata minn din il-Qorti;*

*6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;*

*Rat ir-risposta ta' Buz Dov Limited datata 25 t'Ottubru tas-sena 2007 li permezz taghha rrisponda s-segwenti:*

*1. Is-socjeta` ntimata ma hijiex responsabbli ghal dak li gara peress illi l-bankina li skont ir-rikorrenti kienet il-kawza tal-hsara li sofriet, kienet inqalghet minn terzi. Dan sar qabel ma s-socjeta` esponenti bdiet topera fuq is-sit de quo. In oltre x-xoghlijiet imwettqa mis-socjeta` ntimata kienu kollha koperti bil-permessi mehtiega mill-awtoritajiet opportuni;*

*2. Illi fi kwalunkwe kaz, u bla pregudizzju ghas-sueccepit, id-danni reklamati mir-rikorrenti huma ferm esagerati u ma humiex reali;*

*3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;*

*Rat il-verbal tal-Qorti diversament ppresjeduta datat 7 ta' Novembru, tas-sena 2007 li permezz tieghu ordnat li l-ordni tal-provi ghandu jinqaleb, u dan, limitatament ghall-ewwel zewg (2) eccezzjonijiet preliminari sollevati mill-intimat Grixti;*

*Rat il-verbal tal-Qorti diversament ppresjeduta datat 14 ta' Mejju tas-sena 2008, li permezz tieghu, fuq talba tar-rapprezentant legali tar-rikorrenti li ghaliha r-rapprezentanti legali tal-partijiet l-ohra rrimettew ruhhom, u wara li semghet lill-partijiet fir-rigward, ordnat il-kjamata in kwaza tas-socjeta` Nigel Limited;*

*Rat ir-risposta tas-socjeta` kjamata in kawza indikata fil-paragrafu precedenti, datata 12 t'Awwissu tas-sena 2008 li permezz taghha rrispondiet bil-mod segwenti ghat-talbiet tar-rikorrenti:*

*1. Illi preliminarjament l-inkompetenza ta' din il-Qorti rationae valoris;*

*2. Illi fil-mertu, u minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez, stante illi l-hsarat allegatament subiti mir-rikorrenti kienu kawza ta' forza magguri;*

*3. Illi, wkoll minghajr pregudizzju ghal dak gia espost, l-akkadut mertu ta' din il-kontensjoni ma huwiex imputabbli lill-esponenti izda lil terzi;*

*4. Illi s-socjeta` esponenti ma ghandhiex tigi kkundannata, jekk ikun il-kaz, thallas imghax fuq somma li tista' u ghad trid tigi likwidata minn din il-qorti;*

*5. Illi wkoll minghajr pregudizzju ghas-suespost, id-danni reklamati huma esagerati;*

*6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;*

*Rat il-verbal tar-rapprezentant legali ta' l-intimat Grixti u tas-socjeta` kjamata in kawza datat 26 ta' Novembru tas-sena 2008, li permezz tieghu irtira t-tieni eccezzjoni preliminari minnu sollevata fir-risposti tal-patrocinati tieghu;*

*Rat il-verbal tar-rikorrenti datat is-16 ta' Frar tas-sena 2011 li permezz tieghu r-rapprezentant legali tar-rikorrenti nforma lill-Qorti li kien qed jirtira l-kawza fil-konfront ta' l-intimat Sandro Grixti;*

*Rat id-decizjoni moghtija fid-19 ta' April 2011, minn dina l-Qorti diversament ppresjeduta, wara illi kienet rikjamat il-kawza mit-3 ta' Mejju 2011 ghad-19 ta' April 2011 peress illi nelfrattemp il-Magistrat kien ser jigi elevat ghal Imhallef, haga li sehhet fit-28 ta' April 2011, meta dina il-Qorti stess kienet giet appuntata wkoll bhala Magistrat flimkien mal-Magistrat, illum Imhallef Dr Silvio Meli, illi kien ta' l-fuq imsemmija decizjoni.*

*Rat illi, wara li s-socjeta Buz-Dov Limited kienet appellat is-sentenza tal-Qorti, il-Qorti tal-Appell, permezz ta' decizjoni taghha moghtija fit-30 ta' Novembru 2011, hassret u revokat id-decizjoni tal-ewwel Qorti u baghtet u rinvjat l-atti tal-kawza lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) sabiex il-kawza tigi deciza skont il-Ligi.*

*Rat illi l-aggravju li ibbazat fuqha d-decizjoni taghha l-Ewwel Qorti kien is-segwenti:-*

*"Illi l-ewwel aggravju tas-socjeta` appellanti huwa fis-sens li ghalkemm fis-seduta tas-16 ta' Frar 2011 il-kawza giet differita ghas-sentenza fit-3 ta' Mejju 2011, minghajr ma inghata ebda digriet sabiex il-kawza tigi rikjamata ghal data qabel dik iffissata ghas-sentenza, il-Qorti tat is-sentenza taghha fid-19 ta' April 2011 bla ma saret ebda notifika lill-partijiet li dik is-sentenza kienet ser tinghata proprju f' dik id-data u mhux fid-data ghal meta giet imhollija l-kawza."*

*Rat illi ghalhekk jidher car li l-Qorti tal-Appell rinvjat lura l-atti tal-kawza sabiex tigi deciza skond il-Ligi wara li jigi assikurat illi l-partijiet kollha huma notifikati bid-data tad-decizjoni, u xejn aktar!*

*Rat illi ghalhekk din il-Qorti ma ghandhiex tiddisturba dak gia stabbilit minn dina l-Qorti, diversament ppresjeduta, u ghalhekk qieghda tipproduci, in intjier, il-konsiderazzjonijiet maghmulha mill-istess Qorti, u tqieshom bhala taghha:*

*"Ikkunsidrat:*

*Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:*

*1. Illi r-rikorrenti Tabone kienet tabita fil-fond garaxx numru 12, "Il-Luzzu", Mina numru 19, Triq is-Sikka, Bahar ic-Caghaq, li hu garage minn bosta garaxxijiet ohra maghrufa bl-isem "Sunshine Garages", sitwati fl-istess indirizz – ovvjament, b'numri differenti;*

*2. Illi qabel ma sehh l-incident li ta bidu ghall-procedura odjerna, l-imsemmija rikorrenti kienet ilha tabita fl-istess fond ghal perjodu ta' sentejn, (2), u dan, flimkien ma' bintha;*

*3. Illi rizultat tax-xita li ghamlet fl-4 ta' Gunju tas-sena 2007, ir-residenza taghha, (il-garaxx fuq indikat), kien imtela' kollu bl-ilma tax-xita;*

*4. Illi rizultat ta' dan, ir-rikorrenti kienet sofriet hsarat ingenti fl-ghamara taghha u f'oggetti ohra ta' natura elettronika u kellha fl-istess fond, kif deskritt fid-dettal minn Peter Bonello, persuna kapaci f'dan il-qasam, (ara fol 71 et sequitur u fol 102 et sequitur);*

*5. Illi skont l-istess Bonello indikat fil-paragrafu precedenti, ir-rikorrenti sofriet komplessivament hsarat ammontanti ghal elf, tmien mija u disghin Lira Maltin, (LM1,890.00);*

*6. Illi stante li hadd mill-intimati ma ried jerfa' r-responsabbilita` ghall-istess, ir-rikorrenti kienet kostretta tintavola l-procedura odjerna;*

***Ikkunsidrat***

*Illi l-hsarat sofferti mir-rikorrenti gew ikkagunati bil-mod segwenti:*

*1. Illi fil-gurnata fuq gia` indikata irrizulta li ghamlet xita li ma kinitx " … meqjusa bhala wahda normali …", (ara fol 87);*

*2. Illi inzerta wkoll li fi triq hdejn il-fond meritu tal-procedura odjerna kien qed isir xoghol ta' kostruzzjoni fejn inbena "tower crane" li kien gie iccirkondat b'hitan tal-bricks mad-dawra tieghu;*

*3. Illi rizultat ta' dan il-"crane", it-triq fejn inbena l-istess giet manipulata, tkissret il-bankina u peress li din kienet ukoll triq inklinata, l-ilma kollu li nizel meta fid-data de quo ghamlet ix-xita in dizamina, din kienet allura indirizzata dritt ghad-direzzjoni tal-fond propjeta` tar-rikorrenti;*

*4. Illi bid-"debris" li l-ilma tax-xita garr ghall-bitha fejn hemm l-imsemmi fond tar-rikorrenti nstadd il-"gulley" ta' l-istess, u allura s-sitwazzjoni aggravat ruhha;*

*5. Illi x-xoghol ta' kostruzzjoni li kien qed isir, u li kien il-kawza diretta tal-hsarat sofferti mir-rikorrenti kien qed isir taht id-direzzjoni ta' Gordon Farrugia ghan-nom ta' Buz Dov Limited, kif hu stess jistqarr fid-depozizzjoni guramentata tieghu, (ara fol 109);*

***Ikkunsidrat***

*Illi in vista tas-sintesi fuq esposta jirrizulta s-segwenti:*

*1. Illi r-rikorrenti kienet ghall-affari taghha pacifikament id-dar;*

*2. Illi ftit 'il boghol mill-fond residenzjali taghha kien qed isir xoghol ta' kostruzzjoni li innecessita` il-bini ta' "tower crane", li biex jinbena kif ried il-kuntrattur involut, dan qala' l-bankina adjacenti;*

*3. Illi rizultat ta' din il-manipulazzjoni stradali, l-ilma kollu li nizel mill-inhawi gie ndirizzat ghall-fond tar-rikorrenti;*

*4. Illi l-"gulley" tal-fond fejn kien il-garaxx tar-rikorrenti ma ffunzjonax mhux ghaliex ma kienx adegwat ghall-iskopijiet li ghalihom inbena izda ghaliex id-"debris" li gie mkaxkar bil-manipulazzjoni stradali li effettwat is-socjeta` ntimata, wassal ghas-sadd ta' l-istess li kompla jaggrava s-sitwazzjoni li zviluppat;*

*5. Illi d-danni sofferti mir-rikorrenti gew abbundantement ippruvati li kienu minnhom;*

***Ikkunsidrat***

*Illi rigward id-danni sofferti mir-rikorrenti ghandu f'dan l-istadju jigi sottolineat dak sancit fil-kawza Albert V. Mallia nomine vs Henry Formosa, Qorti tal-Appell, datata t-28 ta' Settembru, 1949;*

*“Meta l-oggett danneggjat jista' jissewwa minghajr pregudizzju ta' min sofra l-hsara, ir-risarciment tad-danni huwa ristrett ghall-ispejjez tar-riparazzjoni”;*

*Illi pero` f'dan il-kaz gie konstatat li d-danni sofferti mir-rikorrenti kienu rrimedjabbli, u allura, fir-rigward, l-istess decizjoni fuq indikata tkompli:*

*“ … imma meta l-oggett danneggjat ma jistax jissewwa u jsir inservibili, id-danni ghandhom ikunu l-valur tas-sostituzzjoni ta' dak l-oggett b'wiehed gdid, u mhux jehles id-danneggjant mir-responsabbilita` billi jhallas il-valur ta' l-oggett danneggjat meta saret il-hsara”; "*

*Rat illi s-socjeta Buz-Dov Ltd, fis-26 ta' April 2012, qabel ma bdiet tinstema il-kawza quddiem dina l-Qorti, qabdet u, qabel mal-Qorti tat id-direzzjonijiet taghha dwar kif riedet li l-kawza tigi stradata in ottemperanza mad-decizjoni tal-Qorti tal-Appell, ipprezentat eccezzjoni ulterjuri;*

*Rat illi fis-seduta tal-4 ta' Gunju 2012, wara l-oggezzjoni kemm ta’ l-attrici Tiziana Tabone kif ukoll tal-kjamat in kawza Nigel Limited, il-Qorti ordnat l-isfliz ta’ l-eccezzjonijiet ulterjuri u tat zmien lill-partijiet jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom;*

*Rat illi, fil-11 ta' Gunju 2012, is-socjeta Buz-Dov Limited ippersistiet bit-tentattiv taghha illi tiddilunga ulterjorment il-proceduri odjerni billi talbet ir-revoka tad-digriet tal-Qorti moghtija fl-4 ta' Gunju 2012, liema talba giet michuda fl-10 ta' Settembru 2012, b'riserva ghal passi ohra da' parte tal-Qorti.*

*Rat in-nota ta' sotomissjonijiet tas-socjeta Nigel Limited ipprezentata fl-4 ta' Settembru 2012.*

***Ikkunsidrat***

*Illi tenut kont ukoll ta’ l-affermazzjoni li x-xoghol de quo kien qed isir f'isem u mis-socjeta` Buz Dov Limited, din il-Qorti, bhalma kienet l-Qorti*

*diversament ippresjeduta, hija sodisfatta li r-rikorrenti ippruvat il-kaz taghha kontra l-imsemmija socjeta` intimata Buz-Dov Limited.*

*Il-Qorti, ghalhekk, qieghda tillibera mill-osservanza tal-gudizzju lil Sandro Grixti, li quddiem din il-Qorti kif presjeduta kienet giet ceduta l-kawza fl-4 ta' Gunju 2012, kif ukoll tillibera lis-socjeta` kjamata in kawza mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez tat-tnejn kontra r-rikorrenti Tabone, u tirrespingi l-eccezzjonijiet ta' l-imsemmija socjeta` intimata Buz Dov Limited, takkolji t-talbiet tar-rikorrenti Tiziana Tabone, u konsegwentement:*

*1. Tiddikjara lis-socjeta` intimata Buz Dov Limited responsabbli ghad-danni fl-ammont ta' elf, tmien mija u disghin Lira Maltin (LM1,890), ekwivalenti ghal erba' t'elef, erba' mija u zewg Euro u wiehed u hamsin centezmu ta' Ewro, (€4,402.51), ikkagunati lir-rikorrenti Tiziana Tabone kif fuq sintetikament espost, u dan, minhabba traskuragni negligenza u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti;*

*2. Tikkundanna lill-istess socjeta` intimata indikata fil-paragrafu precedenti biex thallas lill-imsemmija rikorrenti l-ammont hekk likwidat fl-istess paragrafu precedenti;*

*3. Bl-ispejjez rimanenti, inkluzi dawk ta' l-Appell u tal-proceduri odjerni u l-imghaxijiet relattivi mit-18 ta' Gunju, 2007 kontra l-istess socjeta` intimata Buz Dov Limited.*

*4. In vista tal-fatt illi kien hemm tentattiv car u manifest sabiex il-proceduri odjerni jittawlu minghajr bzonn mis-socjeta Buz-Dov Limited, il-Qorti, a tenur ta' l-Artikolu 10 (1) tat-Tariffa A li tinstab fi Skeda A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta tordna lis-socjeta konvenuta Buz-Dov Limited thallas bhala spejjez addizzjonali lir-Registratur tal-Qrati l-ammont ta' hames mitt Euro (€500).*

Bl-appell minnu introdott is-soċjetà konvenuta Buz Dov Limited qieghda titlob mhux biss ir-revoka tas-sentenza appellata izda wkoll preliminarjament ir-revoka tad-digriet moghti mill-Ewwel Qorti tal-4 ta' Gunju 2012 fejn giet ordnata l-isfilz tan-nota ta'l-eccezzjoni ulterjuri intavolata minnha liema digriet rega' gie ikkonfermat fl-10 ta' Settembru 2012. Dana ghaliex tikkontendi illi l-istess sfilz sar *ex officio* mill-Qorti u mhux ghaliex xi hadd mill-partijiet kien ressaq talba *ad hoc*. Illi l-artikolu 728 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta ma

ghandux japplika ghal kawzi quddiem il-Qrati inferjuri izda ghall-proceduri li jinbdew permezz ta’ rikors guramentat. Illi is-socjeta appellanti wkoll tilmenta mill-fatt illi l-Ewwel Qorti naqset milli taghti decizjoni fir-rigward tat-talba maghmula minnha fis-seduta tal-4 ta’ Gunju 2012 ghal hatra ta’ perit tekniku sabiex jirrelata dwar l-allegati hsarat sofferti mill-attrici.

Illi fil-mertu imbaghad is-socjeta appellanti essenzjalment tressaq aggravvju wiehed li jikkoncerna l-apprezzament zbaljat maghmul mill-Ewwel Qorti tal-provi mismugha quddiemha kemm fir-rigward tar-responabbilta ghall-imsemmi incident kif ukoll ghar-rigward tal-kwantifikazzjoni tad-danni fejn tikkontendi illi dawn ma gewx sufficjentement ippruvati u fi kwalunkwe kaz l-ammont kien wiehed esagerat. Tilmenta wkoll mill-fatt illi l-Ewwel Qorti akkordat l-imghaxijiet fuq l-ammont deciz mid-data tal-ittra interpellatorja, meta id-danni gew likwidati biss permezz tas-sentenza tal-Qorti. Fl-ahhar aggravvju minnha imressqa is-socjeta appellanti toggezzjona ghal kundanna ta’ spejjez addizjonali lir-Registratur tal-Qorti fl-ammont ta’ €500 u dana ghaliex tichad illi hija ippruvat ittawwal il-proceduri quddiem l-Ewwel Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi s-socjeta appellanti preliminarjament titlob ir-revoka ta’zewg digrieti moghtija mill-Ewwel Qorti fejn giet michuda id-dritt li tressaq eccezzjoni ulterjuri u tilmenta illi l-artikoli 728 et seq. tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta ghandhom japplikaw biss fejn il-kawza tkun giet inzijata permezz ta’ rikors guramentat u allura ghal-Qrati superjuri biss. Illi din il-Qorti mal-ewwel tosserva illi is-socjeta appellanti ma ghandhiex ragun u dan ghaliex huwa fatt stabbilit anke mill-gurisprudenza illi r-regoli tal-procedura dwar il-mod kif jitressqu l-eccezzjonijiet mill-imharrek f’kawza dejjem applikaw ukoll ghal Qrati inferjuri.

Ir-regola generali, kif stabbilita fl-artikolu 728 tal-Kapitolu 12, hija li l-eccezzjonijiet kollha sew dilatorji kif ukoll dawk dwar il-meritu ghandhom jinghataw fin-nota tal-eccezzjonijiet jew fir-risposta skond il-kaz. Ghal din ir-regola hemm zewg eccezzjonijiet:-

1) d-dritt tal-parti li tressaq eccezzjonijiet ohra jekk tissodisfa l-Qorti li kien hemm ragunijiet validi l-ghaliex ma jkunux inghataw fin-nota tal-eccezzjonijiet jew fir-risposta;

u

2) d-dritt tal-parti li tressaq dawk l-eccezzjonijiet li jistghu b'disposizzjoni espressa tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jinghatw f'kull waqt tal-procedimenti, jew ghall-eccezzjonijiet li jinqalghu waqt il-kawza. Fost dawn hemm l-hekk imsejha eccezzjonijiet perentorji li ghandhom l-effett li jwaqfu l-proceduri fejn imbaghad japplikaw il-provvedimenti ta'l-artikolu 731 tal-Kapitolu 12.

Affermati dawn il-punti ta' dritt ghalhekk huwa bil-wisq evidenti illi huwa proceduralment skorrett u ghal kollox inammissibbli li tigi ipprezentata nota ta'l-eccezzjonijiet ulterjuri li hija strettament marbuta mal-mertu tal-kawza, iktar u iktar minghajr id-debita awtorizazzjoni, fi stadju inoltrat tal-kawza meta l-kawza kienet ser tithalla ghat-tieni darba ghas-sentenza. Ma hemm l-ebda dubju li dan mhuwiex kaz fejn kien hemm xi raguni anke remota ghaliex il-Qorti kellha takkorda fl-interess tal-gustizzja li, tigi prezentata n-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri ghax kienet sodisfatta li kien hemm ragunijiet validi li kienu jiggustifikaw lis-socjeta konvenuta li ma tipprezentax l-istess tempestivament fl-istadju li tezigi l-ligi. Zgur ma kenitx provokata minn xi fatti godda li gew a konnoxxenza tal-konvenut. Tant hu hekk illi tali eccezzjoni kienet inghatat kemm minn Sandro Grixti kif ukoll mis-socjeta Nigel Limited fin-nota ta'l-eccezzjonijiet taghhom. Illi ghalhekk huwa bill-wisq ovvju illi l-

eccezzjoni ulterjuri sollevata mis-socjeta appellanti ma titrattax xi punt ta' dritt jew ta' fatt gdid jew li ma setax jingieb a konjizzjoni ta'l-Ewwel Qorti precedentement. Ir-regoli tal-procedura gew imfassla sabiex jaghtu gwida u ordni fit-tmexxija tal-kawzi u ma jistghxu jigu mghawwga sabiex jakkomodaw in-nuqqas ta' azzjoni tal-partijiet tul il-pendenza tal-kawza. Il-Qorti ma tarax illi ghandha tahli iktar hin fuq dan il-gravam. Kif ma ghandhiex ukoll taghmel fil-kaz tal-aggravvju l-iehor fejn ilmentat illi l-Ewwel Qorti qatt ma tat decizjoni dwar it-talba maghmula minnha ghal nomina ta' perit tekniku. Ibda biex is-socjeta konvenuta appellanti qatt ma ressqet talba formali f'dana ir-rigward. Fil-verbal tas-seduta tal-04 ta' Gunju 2012 gie verbalizzat minnha illi:

"***Is-socjeta konvenuta jidhirlha li jkun opportun li anke f'dan l-istadju issir stima minn Perit appuntat minn din il-Qorti dwar il-hsarat allegati peress illi l-istima ex parte li gietipprezentata mill-attrici hija ferm esagerata.***" Ma jidhirx mill-atti probatorji illi madanakollu dan is-"suggeriment" gie segwiet b'talba formali. Kwindi lanqas hawn ma ghandha ragun is-socjeta appellanti li dehrilha illi hames snin wara li kienet inbdiet il-kawza u li l-provi kollha kienu instemghu u kull parti ipprezenta l-kaz tieghu u wara li kienet diga inghatat sentenza liema sentenza izda giet annullta minn din il-Qorti kif diversament ippresjeduta u l-atti gew rimandati lura quddiem l-Ewwel Qorti, kellha tivventila dana l-ilment ghal-hatra ta' perit tekniku ghaliex irrealizzat illi l-espert *ex parte* ta'l-attrici ma kellux il-kwalifiki necessarji u ipprezenta stima esagerata. Espressa dina il-fehma ghalhekk il-Qorti ma tistax hlief tirrigetta dawn iz-zewg aggravvji ghaliex altrimenti tkun qed tippremja lis-socjeta appellanti ghan-nuqqas taghha milli tressaq l-argumenti taghha kemm fattwali kif ukoll legali fiz-zmien opportun.

Fuq kollox l-artikolu 215 tal-Kapitolu 12 jimponi fuq il-Qrati inferjuri illi:

"***Il-qrati msemmijin fl-artikolu 213 għandhom imexxu sommarjament u bl-akbar ħeffa li tkun kompatibbli mal-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja, u għandhom iħarsu id-disposizzjonijiet ta' dan it-Titolu ....***"

Illi kif gustament deciz minn din il-Qorti kif diversament ippresjeduta:

"***Kif saput, il-procedura hi ligi ta' ordni pubbliku u, allura, jekk il-provvediment tal-ligi jippreskrivi certu konvenzjonizmu, kemm ta' forma jew ta' kontenut, mhix ammessa interpretazzjoni ohra hlief dik letterali, u hi din li ghandha tigi osservata u segwita.***" Pace Associates Limited vs Drawing Techniques Limited deciza 07/12/2005

Ghal dawn il-motivi dawn l-aggravvji qed jigu respinti.

Isegwi ghalhekk illi jigu trattati l-aggravvji fil-mertu. Illi is-socjeta appellanti tilmenta illi hija ma kellhiex tigi iddikjarata responsabbli ghal hsara li grat fir-residenza ta'l-attrici meta ipperkola kwantita kbira ta' ilma tax-xita f'dana il-fond. Huwa fatt inkontestat illi kienet is-socjeta appellanti responsabbli ghax-xogholijiet ta' kostruzzjoni li kienu qed isiru fil-vicinanzi tal-garaxx fejn kienet qed tirrisjedi l-appellata ma' bintha, kif kienet ukoll responsabbli ghat-*tower crane* li tqieghed fis-sit u it-tkissir tal-bankina li sehh sabiex seta' isir dan. Ma hemmx dubbju wkoll illi b'konsegwenza ta' dana l-agir, li ghalih tahti is-socjeta appellanti, tnehhew l-ilqugh ghall-ilma tax-xita. Huwa minnu wkoll illi fil-lejl bejn l-4 u il-5 ta' Gunju 2007 kien sehh avveniment ta' forza magguri fil-gzejjer Maltin meta kuntrarjament ghal dak mistenni f'dana il-perijodu tas-sena ghamlet ammont konsiderevoli ta' xita. Billi is-sit fejn kien qed isehh dan il-kostruzzjoni huwa ghan-nizla li jaghti lejn id-direzzjoni tal-post fejn jinsab il-garaxx tal-appellata l-ilma tax-xita kaxkar il-hmieg u id-debris kollu li sab fi triqtu u li kien piuttost konsiderevoli f'dina iz-zona. Gara ghalhekk illi l-*gulley* li kien jilqa' dan l-ilma tax-xita instadd b'dan id-debris tant illi allura ma setax ilahhaq mal-kwantita ta'ilma li beda niezel u ghalhekk l-ilma ipperikola fil-

garaxxijiet li kien hemm fil-pjazzetta li tinsab f'tarf dina in-nizla. Is-socjeta appellanti ghalhekk tishaq illi r-responsabbilta ma kenitx taghha billi kien kawza ta' forza magguri, kif ukoll billi it-*tower crane* tqieghed fejn gie ordnat lilha mill-Kunsill Lokali u wkoll kagun tal-hmieg u *debris* li thalla minn terzi fit-triq barra.

L-Artikolu 1031 tal-Kodici Civili jippreciza li "***kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu***"; Din in-norma tal-ligi fil-kamp tar-responsabilita` akwiljana jew extra-kontrattwali tikkostitwixxi l-punt kardinali *in subjecta materia*, u tennuncja l-principju in virtu ta' liema il-hsara kagjonata lis-suggett tobbliga lill-awtur ta' dik il-hsara li jirrizarcixxi l-konsegwenzi negattivi, ossija d-danni, kompjuti bl-att tieghu.

Issa kif saput, il-fonti primarju tar-responsabilita` civili hi ravvizata fl-imgieba imputabbli ghal *dolo* jew *kulpa*. Il-ligi civili taghna ma tiddefinixix il-kolpa civili fl-ghemil izda taghmlu jikkonsisti fin-nuqqas ta' prudenza, nuqqas ta' diligenza u nuqqas ta' hsieb tal-*bonus paterfamilias* [Artikolu 1032 (1), Kodici Civili].

Imbaghad kif stqarret il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza "Sammut vs Zammit",deciza fil-11 ta' Lulju, 2001, huwa obbligu ta' kull persuna li jkun qed jizviluppa s-sit tieghu, li jiehu dawk il-prekawzjonijiet kollha opportuni biex jigi evitat hsarat lil terzi.

Illi mir-rapport tal-Perit Chris Cachia inkarigat mis-socjeta kjamata in kawza Nigel Limited kif ukoll minn dak tal-perit inkarigat mill-attrici irrizulta illi kienu ix-xogholijiet maghmula mis-socjeta appellanti u it-*tower crane* li tqieghed minnhom li wassal biex waqqaf il-kors naturali ta'l-ilma tax-xita u dana meta dan l-istess *crane* gie iccirkondat bil-bricks mad-dawra tieghu u anke tkissret il-bankina b'konsegwenza tat-tqeghid ta'l-istess.

Illi huwa minnu illi fil-jiem in kwistjoni l-ammont ta' xita li nizzlet kienet wahda straordinarja. Izda kif intqal fid-decizjoni moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet **Brian Valenzia nomine vs Carmelo Penza nomine**:

"***Issa, hu veru li x-xita hi fenomenu naturali li fuqha l-bniedem ma ghandu ebda kontroll, izda x-xita dejjem tinzel u jridu jittiehdu l-prekawzjonijiet kontra l-avveniment tax-xita. L-incident ma kienx rizultat biss tax-xita, izda "per causa diretta o indiretta il fatto doloso o colposo del uomo" ("Fenech vs Gatt", deciza minn din il-Qorti fis-17 ta' Mejju, 1902)***."

Illi ghal dawn il-motivi din il-Qorti ma tara xejn x'ticcensura fid-decizjoni ta'l-Ewwel Qorti ghar-rigward tar-responsabbilta tas-socjeta appellanti ghal dan l-incident u kwindi t-tielet aggravvju ser jigi respint. Illi fir-raba aggravvju is-socjeta appellanti tilmenta illi l-appellata kienet tahti ghal hsarat ikkagjonata f'certi oggetti mobbli proprjeta taghha billi dawn kienu qed jinzammu fil-baxx kwazi ma'l-art u kwindi li kieku kienu fil-gholi ma kenitx isehhilhom l-ebda hsara. Illi dan l-argument sollevat mis-socjeta appellanti huwa ghal kollox fallaci billi fl-ewwel lok l-appellata tat spjegazzjoni fil-kors tax-xhieda taghha dwar il-post fejn kienu jinzammu dawn l-oggetti u fit-tieni lok, li persuna fil-proprjeta taghha tiddeceidi fejn ghandha tqieghed l-affarijiet taghha ma tirrientrax fil-kwistjoni tar-responsabbilta ghal dak li sehh. Fuq kollox f'dik iz-zona kien hemm diversi garaxxijiet li generalment ikollhom bhala skop il-hazna ta' oggetti mobbli. Illi dwar il-*quantum* tal-hsara, ma irrizultax illi fil-proceduri quddiem l-Ewwel Qorti dawn l-ammonti gew ikkontestati u kien biss fi stadju inoltrat tal-kawza illi s-socjeta appellanti bdiet tilmenta illi l-valur tal-oggetti kien wiehed esagerat u anke dubbjuz. Illi l-appellata ressqet perit *ex parte* li hejja stima tal-hsara. L-istess hsara ghalkemm mhux kwantifikat jidher illi giet ikkonstata wkoll mill-Perit Chris Cachia inkarigat mis-socjeta kjamata in kawza li ikkonferma fix-xhieda tieghu illi meta acceda fuq il-post huwa kien dahal fil-

garaxx fejn kienet qed tirrisjedi l-appellata. Ghal dawn il-motivi anke dan l-aggravvju ser jigi rigettat.

Illi is-socjeta appellanti tilmenta illi ma kienx gust illi l-Ewwel Qorti ikkundannatha thallas imghaxijiet mid-data ta’l-ittra interpellatorja meta l-likwidazzjoni tad-danni sehhet biss mal-pronunzjament tas-sentenza ta’l-Ewwel Qorti. Illi hawnhekk is-socjeta appellanti ghandha ragun. Jigi sottomess illi hija prattika kostanti li, meta ma jkunx kaz ta’ hlas ta’ somma determinata l-imghaxijiet jghaddu mid-data li ssir il-likwidazzjoni u ghalhekk mid-data tas-sentenza u u mhux mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni jew xi data ohra imprevedibbli iktar u iktar meta fl-avviz promotur ma gie indikat l-ebda ammont li kien qed jigi reklamat u kwindi f’dan il-kaz ghandu japplika il-principju *in illiquidis non fit mora.* Ghaldaqstant l-imghaxijiet fuq l-ammont likwidat ghandu jibda jidekorri mid-data tad-decizjoni ta’l-Ewwel Qorti.

Finalment billi l-Ewwel Qorti dehrilha illi kellha tapplika il-provvedimenti ta’l-artikolu 10(1) tat-Tariffa A tal-iskeda A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, is-socjeta appellanti ressqet gravam ukoll fuq dan il-kap tas-sentenza appellata billi hasset illi hija qatt ma tawwlet il-proceduri inutilment u dan ghaliex dejjem attendiet ghas-seduti quddiem l-Ewwel Qorti u ressqet il-provi taghha u ma kellhiex tigi penalizzata ghaliex ipprezentat talba sabiex tkun tista’ tressaq eccezzjoni ulterjuri. Illi ghalkemm dina il-Qorti hija kawta hafna meta tigi biex tvarja id-diskrezjoni ta’l-Ewwel Qorti f’materja bhal din billi kienet l-Ewwel Qorti li kellha l-opportunita tisma’ it-trattazzjoni tal-kawza, madanakollu f’dan il-kaz partikolari ma jidhirx illi ghandha tigi applikata dina s-sanzjoni billi mill-atti jirrizulta illi s-socjeta appellanti ma ostakolatx l-andament tal-kawza. Fuq kollox hija giet diga issanzjonata mill-Ewwel Qorti meta gew michuda it-talbiet minnha imressqa fi stadju inoltrat tal-kawza u kwindi hija tal-fehma illi dina l-penali ma ghandhiex tigi applikata ghal dan il-kaz.

Illi hija ukoll il-fehma ta' din il-Qorti illi l-ispejjez tal-gudizzju quddiem din il-Qorti kif diversament ippresjeduta, deciz fit-30 ta' Novembru 2011, fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz u fl-ahjar interess tal-gustizzja ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet u ghalhekk sejra tvarja is-sentenza ta'l-Ewwel Qorti wkoll in rigward ta' din il-parti tal-kap ta'l-ispejjez.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti tiddisponi minn dan l-appell billi tilqghu limitatament ghall-kwistjoni tal-imghaxijiet akkordati fl-ewwel sentenza billi tirrevoka dik il-parti tas-sentenza fejn ordnat li jithallsu l-imghax legali mit-18 ta' Gunju 2007 u minflok tordna li l-imghaxijiet jibdew jiddekorru mid-data tas-sentenza appellata u cioe' it-22 ta' Ottubru 2012. Tilqa' l-appell ukoll limitatament billi tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn is-socjeta appellanti giet ikkundannata thallas l-ispejjez in konnessjoni mas-sentenza fl-istess ismijiet moghtija minn din il-Qorti kif diversament ippresjeduta tat-30 ta' Novembru 2011 u tordna illi l-istess tibqa' bla taxxa bejn il-partijiet u finalment tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn is-socjeta appellanti giet ikkundannata thallas penali ta' €500. Ghal bqija tikkonferma s-sentenza appellata u b'hekk, hlief ghal dak li inghad, tichad l-appell tas-socjeta konvenuta. Finalment tordna li l-ispejjez ta' dan l-appell ghandhom jigu sopportati mis-socjeta appellanti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------